# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A. LL.D., A.R.HIST.S.**
**ONOR. FRANCO DEPASQUALE B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 8 ta' Gunju, 2001.**

**Numru 22**

**Citaz. numru 1395/93 GCD**

**Alfred E. Griscti**

**vs**

**Raymond Bugeja**

**Il-Qorti;**

**<u>IS-SENTENZA APPELLATA</u>**

Fis-17 ta' Mejju 1996, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ppronunzjat is-segwenti sentenza f'kawza ghar-rizarciment ta' danni fit-termini tal-artikolu 28 tal-Ligi ta' l-Istampa :-

"Din hija kawza dwar libell famuz.

L-attur ifisser li f'artikolu bl-isem *Face-saving Contract Renewal* fit-tielet pagna tal-harga tal-31 ta' Ottubru 1993 ta' *The Malta Independent*, li taghha l-konvenut huwa editur u stampatur, kienu attribwiti lill-attur fatti determinanti li huma foloz u malafamanti,

bil-hsieb li jwaqqghuh fid-disprezz tal-pubbliku u fir-redikolu. Ghalhekk, kompla l-attur, hu ghandu dritt ghad-danni kif jghid l-art. 28 tal-Ligi ta' l-Istampa.

Ghal dawn ir-ragunijiet l-attur talab li l-Qorti tghid li dan l-artikolu huwa libelluz u malfamanti ghalih, u jesponih ghad-disprezz u ghar-redikolu tal-pubbliku, u tikkundanna lill-konvenut ihallsu somma li tghid il-Qorti u li ma tkunx aktar minn elfejn lira (Lm2,000) bhala danni ghall-malafama.

Il-konvenut ressaq dawn l-eccezzjonijiet :-

1. Illi t-talbiet ta' l-attur huma infondati ghax fl-artikolu ma hemm xejn li huwa defamatorju ; u

2. Illi huwa dmir ta' l-istampa li tinforma lill-pubbliku dwar hwejjeg ta' interess pubbliku : dan ma jfissirx li kull meta tissemma persuna, dan isir b'mod ingurjuz, u lill-attur ma gie attribwit xejn ingurjuz fl-artikolu.

L-allegazzjonijiet li minnhom qieghed jilmenta l-attur saru f'dawn il-partijiet ta' l-artikolu :-

> *The contract of Mimcol Chairman Mr. Alfred Griscti, which expired this month, has been renewed until the end of the year. Sources say that this may have been done to avoid embarrassment following an article which was published in The Malta Independent two weeks ago.*
>
> …………...
>
> It is reliably understood that various factors led to Mr. Griscti not being re-appointed. Apart from the issue of the foundry, there was the issue of payment of a Christmas bonus to Mimcol employees which had to be withdrawn, the employment of a foreign part-time consultant and <u>a possible interest in Tectonic Services Limited, which specialises in rock cutting using diamondwire</u>.

Fl-affidavit tiehu l-attur fisser illi huwa qieghed joggezzjona ghall-allegazzjoni maghmula fil-parti tat-tieni paragrafu li giet sottolinejata. Din il-parti fiha allegazzjoni li, jghid l-attur, "li kieku veru, jista' jkollha konsegwenzi serji" ghax is-socjeta' Tectonic Services Limited hija wahda li fiha l-Gvern ta' Malta ghandu ishma permezz tal-Mimcol, u jekk l-attur, bhala chairman tal-Mimcol, inqeda b'din il-posizzjoni tieghu ghal vantagg personali, minhabba fl-interess li ghandu f'Tectonic Services Limited, ikun

ghamel haga li ghaliha jkun tassew jisthoqqlu stmellija. Izda l-attur jichad li hu ghandu interess personali f'din is-socjeta'.

Mela li rridu naraw hu jekk hux minnu dan il-fatt li qieghed jirrapporta l-konvenut : cioe' illi l-hatra ta' l-attur bhala chairman ta' Mimcol ghalqet u geddet biss sal-ahhar tas-sena, u li dan sar sabiex ma jkunx avvilit l-attur ("*to avoid embarrassment*") billi hemm xi fatturi – fosthom il-fatt li jista' jkollu interess ("*a possible interest*") fis-socjeta' Tectonic Services Limited – li ghandna nikkonkludu li kienu javvilixxu lill-attur li kieku l-hatra tieghu ntemmet bla tigdid, imqar sal-ahhar tas-sena.

Jekk jirrizulta li dawn il-fatti ma ghandhomx mis-sewwa, inkunu rridu naraw jekk l-attribuzzjoni ta' dawn il-fatti lill-attur hijiex ta' malafama ghalih.

L-attur cahad ghal kollox li hu ghandu jew kellu xi interess personali fis-socjeta' Tectonic Services Limited. L-*onus* issa qieghed fuq il-konvenut biex juri li dan hu minnu.

Meta kien qed jixhed fis-27 ta' April 1995, il-konvenut qal li l-interess personali ta' l-attur f'din is-socjeta' "seta kien indirett *through* xi hadd iehor". Kompla jfisser "li kien hemm prsuna li kellha interess dirett fit-Tectonics, li kienet *shareholder* fit-Tectonic Services, li s-Sur Griscti kellu konnessjonijiet maghha". Qal ukoll li din il-persuna kienet Brian Norris, li kien direttur tas-socjeta'. L-interess li kellu l-attur permezz ta' Norris kien imfisser hekk : "l-interess li kien qed jirrizultana [kien] li s-Sur Griscti u s-Sur Norris kienu *close* ma' xulxin u jirrizultana li issa wkoll is-Sur Griscti u s-Sur Norris ghandhom interess komuni kummercjali f'kumpanija".[1]

Fil-fatt il-konvenut ezebixxa il-*memorandum of association* u l-istatut tas-socjeta' *Enterprise Pubblications Limited* mnejn jidher li fost l-ewwel diretturi ta' dini s-socjeta', meta twaqqfet fis-7 ta' Settembru 1994, kien hemm l-attur kif ukoll Brian Norris. Billi din is-socjeta' twaqqfet xi ghaxar xhur wara li nkiteb l-artikolu, l-konvenut fisser illi "ahna konna qed nikkontendu li dak l-interess baqa' minn dejjem hemm".

Il-konvenut, izda, ma ressaqx xhieda biex juri : (1) li l-interessi komuni bejn l-attur u Norris kienu gja' jezistu meta nkiteb l-artikolu ; u (2) li dawn l-interessi komuni kienu mhux biss fis-socjeta' *Enterprise Pubblications Limited* izda wkoll fis-socjeta' *Tectonic Services Limited.* Fin-nuqqas ta' xhieda dwar dawn iz-

[1] Ara x-xhieda moghtija mill-konvenut fis-seduta tas-27 ta' April 1995, foll. 22 et seq.

zewg fatti, l-konvenut ma weriex li l-attur kellu l-interess li qieghed jigi allegat fl-artikolu.

Il-konvenut stess jidher li apprezza dan il-fatt ghax, wara, pprezenta affidavit mahluf minnu li fih bidel il-bazi kollha ta' l-allegazzjoni. F'dan l-affidavit jghid hekk :-

> Jiena nichad li fl-artikolu in kwistjoni jissemma, fil-konfront ta' Alfred E. Griscti personalment, "*a possible interest in Tectonic Services Limited*". Bhal ma l-qarrej jifhem li "*the employment of a foreign part-time consultant"* tirreferixxi ghal impjieg mal-Mimcol, hekk ukoll il-qarrej jifhem li "*a possible interest in Tectonic Services Limited"* tirreferixxi ghall-Mimcol, fir-rigward ta' Tectonic Services Limited. Nippreciza wkoll li l-kelma wzata hija "*a possible interest"* (ta' l-attur fil-kwalita' tieghu ta' chairman tal-Mimcol" u mhux "*a <u>personal</u> interest",* kif jippretendi l-attur fl-affidavit u fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu.

Jekk dan kien tassew mill-bidu l-hsieb ta' l-artikolu, mela ghalfejn il-konvenut qaghad jixhed dwar l-interess personali ta' l-attur minhabba, fis-shubija ta' dan ma' Norris? Ghalfejn ma qalx mill-ewwel dak li qal fl-affidavit, u mhux jghid, fix-xhieda tieghu tas-27 ta' April 1995, li "l-interess <u>personali</u> seta' kien indirett *through* xi hadd iehor"?

Fil-fehma tal-Qorti, il-verzjoni moghtija mill-konvenut fl-affidavit tieghu ma hix hlief tentattiv biex jahrab mill-konsegwenzi tal-fatt li ma sehhlux li juri l-interess personali ta' l-attur li tkellem daru meta xehed bil-fomm.

L-interpretazzjoni li issa jrid il-konvenut hija wahda mgebbda ghall-ahhar. Jekk l-interess imsemmi fl-artikolu ma kienx interess personali ta' l-attur izda interess tac-chairman tal-Mimcol, fejn hu l-konflitt li ghandu jwassal biex il-hatra ta' l-attur bhala chairman ma tiggeddidx? Kif nistghu nistennew li qarrej jasal ghall-konkluzzjoni bhal din? Izjed taghmel sens l-interpretazzjoni li l-interess imsemmi huwa xi haga hazina, bhal interess personali li jikkonfliggi mal-karika ufficjali ta' l-attur, tant li wassal lill-awtoritajiet biex jiddeciedu li jgeddu l-hatra ta' l-attur sal-ahhar tas-sena biss, u dan ma javviluhx, ghax kieku ma kienu jgeddulu xejn.

Rajna li ma ngibitx xhieda li tassew kien hemm dan l-interess personali. Issa, jekk il-fatti li fuqhom il-konvenut bena l-kummenti tieghu ma weriex li huma veri, ma jistax jistrieh fuq id-difiza ta' *fair comment*. Madankollu, xorta jibqa' mehtieg ghall-attur li juri li din l-attribuzzjoni ta' fatti mhux veri hija ta' malafama ghalih.

L-attur fisser ghala qed jghid li saritlu malafama :-

> Fin-numru ta' *factors* li elenka l-konvenut hemm wahda, u cioe' l-"*possible interest in Tectonic Services Ltd"* li, kieku veru, jista' jkollha konsegwenzi serji. Infatti l-kumpanija *Tectonic Services Limited* hija kumpanija li fiha l-Gvern ta' Malta (permezz tal-Mimcol) ghandha (sic) ishma. Jekk l-esponenti, bhala chairman tal-Mimcol, qed juza din il-posizzjoni tieghu ghall-interess personali tieghu, jkun verament jisthoqqlu l-istmellija tal-pubbliku.[2]

L-artikolu ma jghidx li l-Gvern ghandu interess fit-Tectonic Services Limited ; ghalhekk, min jaqra l-artikolu bla ma jkun jaf dan il-fatt jista' jasal ghall-konkluzzjoni msemmija mill-attur, jew ghandna nqisu xi tkun l-interpretazzjoni ta' qarrej li kien jaf dan il-fatt? Min hu l-qarrej li rridu nqisu sabiex naraw jekk artikolu jaghtix malafama?

L-awturi Robertson u Nicol, fil-ktieb *Media Law*, jghidu hekk fuq din il-kwistjoni :-

> *The test of the ordinary reader is subject to qualification in the case of statements which are not defamatory on their face, but which carry discreditable implications to those with special knowledge. To say that a man frequents a particular address has no defamatory meaning to ordinary readers – unless they know that the address is a brothel. Here, libel is by innuendo, i.e. the statement is defamatory to those with knowledge of facts not stated in the article. If it is said of a barrister that he has refused to appear for an unsavoury criminal, the ordinary reader may applaud, but his professional reputation is lowered amongst colleageus who understand the story to mean that he has betrayed his ethical duty to appear for all who seek his services. Where the string is not a matter of general knowledge, its defamotory capacity is judged by its impact upon ordinary readers who have such knowledge – if the plaintiff can first prove that such persons were amongst the actual readership.*

Fil-kaz tallum, meta tqis li l-artikolu kien pubblikat f'gazzetta popolari ta' nhar ta' Hadd, trid bilfors tghid li fost il-qarreja kien hemm min kien jaf bl-interess tal-Gvern fis-socjeta' Tectonic Services Limited.

---

[2] Ara t-tielet paragrafu tad-dikjarazzjoni ta' l-attur (foll. 3 et seq).

Barra minn hekk, l-artikolu jaghmilha cara wkoll ghal min ma jafx li l-Gvern ghandu interess f'din is-socjeta' illi l-fatt li l-attur ghandu "*a possible interest*" f'din is-socjeta' hija haga hazina, li timmerita li tintemm jew ma tiggeddidx il-hatra ta' l-attur bhala chairman tal-Mimcol, ladarba l-artikolu qed jghid li dan il-"*possible interest*" kien wahda mir-ragunijiet ghala l-attur kien ser jibqa' chairman sal-ahhar tas-sena biss.

Jidher ghalhekk li l-artikolu tassew jaghti malafama lill-attur.

L-allegazzjoni li saret kontra l-attur – li mak ienx ser jithalla jkompli bhala chairman tal-Mimcol ghax kellu interessi personali li ma kienux kompatibbli ma' din il-karika – hija allegazzjoni serja, ghax l-implikazzjoni hija cara li b'dak li ghamel ma kienx jisthoqqlu li jkun fdat aktar f'din il-karika, u li ma tkecciex minnufih biss sabiex ma jkunx avvilit. Meta tqis dan kollu, il-Qorti hija tal-fehma li kumpens xieraq ghad-danni minhabba f'din il-malafama jkun ta' hames mitt lira (Lm500).

Il-Qorti ghalhekk taqta' l-kawza billi tilqa' l-ewwel talba u tghid li l-artikolu *de quo* jaghti malafama lill-attur, u tilqa' t-tieni talba billi tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur danni ta' hames mitt lira (Lm500), flimkien ma' l-ispejjez tal-kawza."

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

Din il-Qorti rriproduciet is-sentenza appellata fl-interezza taghha ghaliex fil-fehma taghha mhux biss taghmel analizi preciza tac-cirkostanza ta' fatt li taw lok ghal din il-kawza imma wkoll tinkwadrahom sewwa fil-principji tad-dritt applikabbli ghalihom. Din il-Qorti bhall-ewwel Qorti waslet ghall-konvinciment illi kienu jokkorru l-elementi mehtiega biex jeradikaw l-azzjoni kif proposta mill-attur u b'mod partikolari kien gie stabbilit illi l-attribut malafamanti li l-konvenut addebita lill-attur kien bazat fuq fatt li l-verita' tieghu ma kienitx giet provata. Din il-Qorti bl-ebda mod ma qeghda tillimita d-dritt tal-konvenut bhala gurnalist illi

jikkummenta dwar l-operat tal-attur li kien allura jokkupa kariga pubblika ta' responsabbilita'. Kull kumment anke jekk iebes u azzardat kien permess ukoll jekk jikkreja inkonvenjent lill-persuna li lejha jkun dirett pero' kellu jkun dejjem salv il-principju li l-kumment kellu jkun bazat fuq fatti li jkunu sostanzjalment korretti. Kellhom ikunu sostanzjalment korretti fil-mument meta saret il-pubblikazzjoni.

Ma kienx allura lecitu illi jigu attribwiti bhala fatti li graw semplici supposizzjonijiet jew ipotesijiet li l-awtur jahseb jew jimmagina li setghu jsehhu fi zmien futur. Dan ifisser illi l-fatt illi sussegwentement dik l-ipotesi jew supposizzjoni tavvera ruhha ma kienitx tiggustifika l-pubblikazzjoni ta' <u>allegazzjoni</u> malafamanti fiha nfisha bhala <u>fatt</u> li sehh. Naturalment ikun divers il-kaz fejn jigu pubbikati cirkustanzi fattwali li graw u jkunu provati u li minnhom l-artikolista jislet certi konkluzzjonijiet ragunati u ragjonevoli. F'dan il-kaz il-fatti veru li dwarhom ikun sar il-kumment ikunu allura <u>dawk ic-cirkostanzi</u> li dwarhom kien lecitu li jsir kumment. Dan qed jinghad proprju ghaliex il-konvenut jipprova jiehu konfort u anke gustifikazzjoni mill-fatt illi wara li ppubblika l-allegazzjoni fattwali malafamanti li "a possible interest in Tectonic Services Limited" seta' kien fattur li wassal biex l-attur ma jigix mahtur mill-gdid bhala chairman tal-Mimcol – fatt dan li fil-mument tal-pubblikazzjoni ma kien bl-ebda mod gie pruvat – irrizultat tracca ta' prova li l-istess attur kellu konoxxenza ma' certu Brian Norris li kien f'xi zmien direttur tas-socjeta' Tectonic Services Limited. Socjeta' din illi fiha l-Gvern ta' Malta

permezz tal-Mimcol kellu sehem u kien proprju minn hawn li kienet tohrog l-insinwazzjoni malafamanti ghall-attur in kwantu hu suggerit illi, bhala chairman tal-Mimcol, seta' kien qed juza l-posizzjoni tieghu ghall-interess personali tieghu tramite l-hbiberija li kellu ma' din il-persuna. Hu anke car illi l-fatt li wiehed ikun habib ta' xi hadd fih innifsu, ma setax u ma kellux wahdu jwassal ghall-insinwazzjoni illi tali hbiberija kienet abbuzata jew malament uzata ghall-vantagg u interess personali indebitu. Hu ovvju allura li biex il-konvenut seta' jaghmel l-addebitu tal-fatt malafamanti li ghamel kien jinhtieglu aktar minn indikazzjoni ta' hbiberija fuq bazi personali bejn l-attur u din il-persuna. Prova din li la allura meta ppubblika l-artikolu u lanqas waqt it-trattazzjoni tal-kawza ma kien f'posizzjoni illi jipproduci.

Fl-aggravju tieghu, l-konvenut jallega li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti ghaliex ekwiperat il-kliem fl-artikolu "a possible interest" mal-kuncett ta' "interess personali". Gustament l-ewwel Qorti rrigettat din is-sottomissjoni ghaliex ma kien hemm l-ebda dubbju illi l-messagg li ried jigi trasmess permezz tal-artikolu u r-rejazzjoni tal-qarrej ordinarju meta jaqrah, ma setghax hlief kienu l-intendiment illi meta l-artikolista kien qieghed jinsinwa li kien hemm "a possible interest" fis-socjeta' Tectonic Services Limited, dana kien qed jigi allegat fir-rigward tal-attur personalment u certament mhux fir-rigward tal-Mimcol li taghha kien chairman. Bizzejjed jinghad illi dan l-addebitu malafamanti ingieb proprju mill-awtur tal-artikolu bhala wahda

mir-ragunijiet li minhabba fihom l-attur ma kienx gie mahtur mill-gdid bhala chairman tal-Mimcol.

L-appellant jittanta jiskolpa ruhu wkoll billi jissottometti illi una volta hu stess qieghed ippoggi fid-dubbju l-allegat interess permezz tal-uzu tal-kelma “possible”, dana mhux biss jeskludi li hu qed jallegah bhala fatt imma wkoll ipoggih fl-impossibilita’ li jipprova b’certezza xi haga li kienet biss possibbli.  Anke hawn din il-Qorti ma tistax taccetta sottomissjoni ta’ din ix-xorta ghaliex altrimenti ikun ferm facli li tigi mxerrda l-malafama u l-ingurja bis-semplici pretest illi dak li kien qed jigi allegat bhala fatt kien possibbli u allura mhux cert.  La kien possibbli kien naturali li l-qarrej ordinarju seta’ wkoll jikkonkludi illi l-fatt kien rejalment sehh.  Dan meta l-fatt ikun ghal kollox inveritier.

Ma kien hemm allura xejn fid-difiza avvanzata mill-konvenut illi jista’ jiggustifika, fuq bazi ta’ fatt provat, riferenza korrett ta’ imputazzjoni ta’ agir korrott jew dizonorevoli kif l-artikolu jimputa lill-attur.  “When a criticism …… of a public man includes such an imputation (i.e. of base and sordid motives) there being no facts to warrant it, it is open to the jury to find not only that the publication complained of is libellous but also that the defence of fair comment has no application.  The truth is that in such a case that which is called a “criticism” ceases to be a criticism and becomes a defamatory libel” (Gatley on Law and Slander 5$^{th}$ edition pg 720).  Dawn il-konsiderazzjonijiet in aggunta ma’ dawk

validi maghmula mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata ma jistghux ma jwasslux biex l-aggravju tal-appellant jigi rigettat.

Ghal dawn il-motivi, l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant.

Dep/Reg

mg